



2025/260

11.2.2025

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/260**

**tal-10 ta' Frar 2025**

**li jagħmel importazzjonijiet ta' alumina fuża li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup>, il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' alumina fuża li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ('Ir-RPĊ').
- (2) Dan il-bidu segwa lment imressaq fid-9 ta' Ottubru 2024 minn Imerys S.A. fisem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-alumina fuża.

**1. PRODOTT SOĠĠETT GħAR-REĠISTRAZZJONI**

- (3) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa korundun artifiċjali, kemm jekk definit kimikament kif ukoll jekk le, magħruf ukoll bħala alumina fuża, attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċijiet NM 2818 10 11, 2818 10 19, ex 2818 10 91, u 2818 10 99 (kodiċijiet TARIC 2818 10 91 20, 2818 10 91 90) u li joriġina mir-RPĊ. Il-kodiċijiet SA, NM u TARIC huma pprovduti għall-fini ta' informazzjoni biss u mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.
- (4) Madankollu, il-kurindun artifiċjali li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi TARIC 2818 10 91 30 (jiġifieri l-kurindun sinterizzat bi struttura mikrokristallina li tikkonsisti minn ossidu tal-aluminju (CAS RN 1344-28-1) u aluminat tal-manjeżju (CAS RN 12068-51-8) b'kontenut skont il-piż (ikkalkulat bħala ossidi) ta' 92 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 94 % ta' ossidu tal-aluminju, u 7 % ( $\pm$  1 %) ta' ossidu tal-manjeżju) mhuwiex parti mill-prodott li qed jiġi investigat. It-taħlittiet mekkaniċi tal-kurindun artifiċjali u ta' sustanzi oħra, li bħalissa huma kklassifikati taħt l-intestatura 3824, ukoll mhuwiex parti mill-prodott li qed jiġi investigat.

**2. REĠISTRAZZJONI**

- (5) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jsiru soġġetti għal regjistrazzjoni bl-għan li jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa, jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.
- (6) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal regjistrazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji se jiġu vvalutati fir-regolament li jimponi dazji definittivi, jekk ikun hemm.
- (7) Kull obligazzjoni fil-futur tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping.
- (8) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 97 % u 215 % u livell medju ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' bejn 100 % u 200 % għall-prodott ikkonċernat għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024. L-ammont ta' obligazzjoni futura possibbli normalment jiġi stabbilit fl-aktar livell baxx ta' dawk iż-żewġ livelli f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj>.

<sup>(2)</sup> ĠU C, C/2024/7049, 21.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/7049/oj>.

- (9) Jekk, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ssib evidenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' obligazzjoni futura possibbli jiġi stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dumping kif previst fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku jekk jiġi konkluż li dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ma jkunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (10) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħti stima tal-ammont ta' obligazzjoni futura possibbli. Għalhekk, l-ammonti msemija fl-ilment huma biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jistgħux jgħidli li jkollha l-aspettattivi dwar il-livell attwali ta' obligazzjoni li se jiġi stabbilit bħala riżultat tal-investigazzjoni.

### 3. IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

- (11) Kwalunkwe *data* personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' alumina fuża, li bħalissa hija kklassifikata taħt il-kodiċijiet NM 2818 10 11, 2818 10 19, ex 2818 10 91, u 2818 10 99 (kodiċi TARIC 2818 10 91 20, 2818 10 91 90) u li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
2. L-importazzjonijiet tal-kurindun artifiċjali li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi TARIC 2818 10 91 30 (jiġifieri l-kurindun sinterizzat bi struttura mikrokristallina li tikkonsisti minn ossidu tal-aluminju (CAS RN 1344-28-1) u aluminat tal-manjeżju (CAS RN 12068-51-8) b'kontenut skont il-piż (ikkalkulat bħala ossidi) ta' 92 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 94 % ta' ossidu tal-aluminju, u 7 % ( $\pm$  1 %) ta' ossidu tal-manjeżju) mhuwiex parti mill-prodott li qed jiġi investigat. L-importazzjonijiet ta' taħlitiet mekkaniċi ta' korundun artifiċjali u sustanzi oħra, li bħalissa huma kklassifikati taħt l-intestatura 3824, lanqas mhuma soġġetti għar-reġistrazzjoni.
3. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).